SAN LAWRENZ

Il-Minuti tad-disgħa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2011 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:*

John Mercieca
Joseph Sultana

Skuzata: Luigia Grima

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **<u>Korrispondenza</u>**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja San Lawrenz fejn tablet lil Kunsill sabiex jaqsam parti mill-ispejjes konnessi mat-tibdil tal-kanni tal-ilma li

għamlet l-iskola peress li s-servizz li għandhom l-uffiċini tal-Kunsill jagħmlu parti minnhom. Il-kont imħallas mill-iskola għax-xogħol kollu kien ta' €318.62. Wara li l-Kunsill iddiskuta dan il-kont, qabel li għandu jħallas 25% tal-kont għall-ammont ta' €80.

## 4.0 Proġett Eko-Għawdex

4.1 Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni tal-proġett tal-*family park* taħt il-proġett Eko-Għawdex pero dan irid bilfors jitlesta fi żmien sena u l-bord irrimarka li qed jara li minħabba li l-post huwa delikat, il-permessi tal-MEPA jieħdu fit-tul u li żgur li mhux ser jitlesta f'dak il-perijodu. Għalhekk il-bord issuġerixxa li nibqgħu għaddejjin fil-preparamenti meħtiega għall-permessi ta' dan il-proġett biex inkunu nistgħu nissottomettuh mal-lista tal-proġetti għas-sena 2012. Sadanitant ġie rakkomandat li nimbarkaw fuq proġett ieħor ekoloġiku li ma jirrikjedix permessi tal-MEPA.

4.2 Is-Sindku hawnhekk issuġerixxa li għandna ninvestu fuq il-proġett ta' skola ekoloġika kif proposta fl-istudju tal-lokalita' sostenibbli kif preparat mill-istess Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jdaħħal dan il-proġett bħala proġett ekoloġiku taħt l-iskema mnedija mill-Eko-Għawdex 2011 u wkoll jinkludi miegħu l-istalls għas-suq li huwa maħsub għall-pjazza tal-lokal skont kif provdut mill-istess studju.

4.3 Sadanittant il-Kunsill qabel li għandna nkomplu għaddejjin bil-preparamenti għall-permessi tal-MEPA fuq l-*family park*.

**5.0 Diskussjoni dwar il-proġett tal-Pjazza.**

5.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-permess tal-MEPA fuq il-proġett tal-Pjazza ġie approvat. Il-Kunsill reġgħa ddiskuta l-pjanta u sar qbil li għandha ssir emenda billi jiġi nkluz parking bay loading/unloading quddiem il-grocer u l-bar taċ-Ċentru.

5.2 Sar qbil ukoll li kif nagħmlu l-culverts u li jkun hemm aċċess taħt l-art biex jintuża g all-armar tal-festa meta jiġu mgħoddija wires provviżorji.

5.3 Sar qbil ukoll li għandna nimmarkaw il-linja tal-proġett mal-art.

6.0 Progett PANACEA u xiri ta' post

6.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li dan il-proġett ġiet approvat uffiċjalment. Huwa reġgħa spjega kif ma' dan il-progett hemm konness post fiċ-ċentru tal-lokal sabiex jintuża bħala uffiċju nformattiv għall-bajja tad-Dwejra.

6.2 Wara diskussjoni fejn jista jsir is-Sindku talab sabiex kemm jista jkun isir qbil biex dan l-uffiċju jigi mibni fil-parti tal-iskola kif kien qed jiġi diskuss qabel, billi jinbena kumpless li jkun jinkludi fih is-servizzi kollha. Ġie ssuġġerit mis-Sindku li biex ikun hemm konsensus fil-Kunsill jigi rrtirat xi ftit il-ġewwa biex ma noħonqux l-entratura tal-iskola. Sar qbil li għandna nġibu lil Perita Ivana Farrugia biex niddiskutu magħha din il-possibilita'.

## 7.0 Youth Exchanges

7.1 Is-Sindku rrefera għall-istediniet ta' żewġ Youth Exchanges barra minn Malta. Dawn ser isiru fil-Ġermanja bejn it-12 u s-19 ta' Lulju 2011 u oħra l-Ingilterra bejn is-17 u t-23 ta' Lulju 2011. Il-Kunsill qabel li bħala leader għall-progett tal-Germanja għandu jibgħat lis-Sur Laurence Cauchi peress li dan huwa follow-up ta' proġetti li tagħhom huwa wkoll kien il-leader filwaqt li gall-istess raġuni, għal proġett tal-Ingilterra bħala leaders għandhom imorru l-kunsillier Joe Sultana u l-Vici Sindku Anthony Formosa.

7.2 Sar qbil li għandna noħorgu avviż biex navżaw b'dan. Sar qbil li l-invit għandu jinħareġ għal żagħżagħ ta' bejn is-16 u 26 sena.

## 8.0 Outcome tal-RFSC Conference dwar San Lawrenz bħala Test-city

8.1 Is-Sindku rrefera għal-launching tat-Testing tal-RFSC li attenda għaliha flimkien mas-Sinjura Krista Farrugia. Huwa semma' li t-testing jidher li ser ikun wieħed professjonali u huwa tekniku ħafna. Huwa semma li l-esperti għandhom jkunu fostna għal Mejju.

## 9.0 Żjara ta' studenti taljani f'Għawdex

9.1 Is-Sindku semma li l-ġimgħa d-dieħla ser jiġu fostna 27 student taljan li huma marbutin mal-komunita' ta' Colle Umberto. Huma ser ikunu joqgħodu Malta pero' ser jiġu għal żjara qasira f'Għawdex u ser iżuru d-Dwejra. Sar qbil li sabiex nuru ospitalita' magħhom għandna noffrulhom *drink* u *snack* kif ukoll jekk ikun bnazzi noħorġuhom ħarġa bid-dgħajsa.

10.0 Materji oħra

10.1 Is-Sindku ħabbar li ġie aċċettat il-proġett l-ieħor tal-EU taħt miżura 313 EAFRD li jinkludi madwar €140,000 f'dawk li huma *street furniture*, dwar u dekorazzjonijiet oħra konnessi mal-proġett tal-pjazza u l-isqaqien.

10.2 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera bir-rebħ ta' żewġ awards li ħa l-Kunsill, dik tat-tielet post fil-Kampanja Lokalitajiet indaf li għaliha l-Kunsill rebaħ is-somma ta' €10,000 u dik tal-Community Involvement Scheme li għaliha l-Kunsill ġie klassifikat fl-ewwel post u wkoll ingħata s-somma ta' €10,000. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dawn ir-rikonoxximenti hekk importanti għal-lokalita' ta' San Lawrenz.

10.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa tal-lokalita' li baqgħet ma saritx peress li ma kien hemm l-ebda attendenza.

10.4 Sar qbil li għandha tinkiteb ittra urġenti lill-Inginiera tal-Enemalta rigward arblu tas-siment tad-dawl li huwa mifqugħ minn isfel u jinħtieġ li jinbidel immedjatament.

10.5 Issemmiet il-ħtieġa ta' bozza ġdida fi sqaq Pawluzzu peress li hemm ħafna dlam. Sar qbil li għandna nipprocedu fl-ordni tagħha.

Il-laqgħa ntemmet fis-13:45.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Lucienne Haber |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |